



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8452/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0085 (NLE)

AVIATION 108
RELEX 386
COEST 97
NIS 13
OC 22
AM 5

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,
u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) u (7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Diċembru 2016 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Armenja għal ftehim dwar spazju komuni tal-avjazzjoni. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") fl-24 ta' Novembru 2017.
- (2) L-iffirmar tal-Ftehim fisem l-Unjoni u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu ma jaffettwawx l-allokazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Din id-Deċiżjoni jenħteġ li ma tiġix interpretata bħala li tagħmel użu mill-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward ta' oqsma koperti mill-Ftehim li jaqgħu taħt il-kompetenza kondiviża sal-punt li tali kompetenza tkun għadha ma ġietx eżerċitata internament mill-Unjoni.
- (3) Il-Ftehim jenħteġ li jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stipulata l-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward tal-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 27(7) tal-Ftehim dwar l-inklużjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-Anness II tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja f'konformità mal-Artikolu 30(4) u (5) tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ĠU L... .

⁺ ĠU: jekk jogħġbok niżżel fin-nota ta' qiegħ il-paġna r-referenza tal-ĠU tal-Ftehim li jinsab fid-dokument st7738/21.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tadotta, wara konsultazzjoni biżżejjed minn qabel tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu, kif il-Kunsill jista' jiddeċiedi, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni rigward deċiżjonijiet tal-Komitat Konġunt skont l-Artikolu 27(7) tal-Ftehim dwar ir-reviżjoni tal-Anness II għall-Ftehim, sa fejn din tikkonċerna l-inklużjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni f'dak l-Anness, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
